DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Ottubru 2009

dwar il-proroga tal-mandat tal- Grupp Ewropew għall-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda u tal-perjodu tal-ħatra tal-membri tiegħu

(2009/757/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

(1) Il-mandat tal-Grupp Ewropew għall-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda (il-GEE) ġġedded permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/383/KE [1].

(2) Il-ħatra tal-membri tal-GEE ġġeddet għal perjodu ta' erba' snin permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/754/KE [2].

(3) Il-mandat kurrenti tal-GEE u l-perjodu kurrenti tal-ħatra tal-membri tiegħu għalhekk jaslu fi tmiemhom fl-20 ta' Ottubru 2009.

(4) Huwa xieraq li l-Kummissjoni l-ġdida tirrevedi kemm is-suġġett tal-mandat tal-GEE kif ukoll il-ħatra tal-membri tiegħu.

(5) Sabiex il-GEE jkun jista' jibqa' jiffunzjona sakemm jittieħdu deċiżjonijiet ġodda dwar il-mandat tiegħu u dwar il-ħatra tal-membri tiegħu, il-mandat kurrenti tal-GEE u l-perjodu kurrenti tal-ħatra tal-membri tiegħu għandhom jiġu pprorogati.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-mandat kurrenti tal-GEE, kif provdut għalih fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/383/KE, qiegħed b'dan jiġi pprorogat sakemm dik id-deċiżjoni tiġi sostitwita.

Il-perjodu kurrenti tal-ħatra tal-membri tal-GEE, kif provdut għalih fid-Deċiżjoni 2005/754/KE, qiegħed b'dan jiġi pprorogat sakemm dik id-deċiżjoni tiġi sostitwita.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Ottubru 2009.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

---

[1] ĠU L 127, 20.5.2005, p. 17.
[2] ĠU L 284, 27.10.2005, p. 6.